

HOTEL WALIS 3*
FIĊ-ĊENTRU TA' MUNICH

**7 t'ijiem**

# Bavarian Alps

## with a touch of Austria

## 27 ta' Marzu – 02 t'April (Easter)

**INŻURU: MUNICH, ROSENHEIM, NEUSCHWANSTEIN CASTLE, SALZBURG, ZUGSPITZE**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half board u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1100 | €1050 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1110 | €1060 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1280 | €1230 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adultii | €900 | €850 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira Malta – Munich- Malta mal-Air Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 6 iljieli - Hotel Wallis 3-star fiċ-ċentru ta' Munich
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

### L-Erbgħa 27 ta' Marzu

Niltaqgħu l-ajruport fis-07:00 għat-titjira KM306 li ttir fid-09:05 u naslu Munich fil-11:35 Transfer bil-kowċ fejn ser ikollna **city tour**, flimkien mat-tour leader naraw il-pjazza ċentrali Marienplatz li hi ddominata mill-koppli tal-kampnari Fraunkirche .Naraw ukoll il-famuż arloġġ Rathaus Glockenspal li jinsab f'din l-istess pjazza, Isor Tor, St. Michael's Kirche, Karlsplatz bil-famuż fontana u t-toroq ta' Neuhausen Strabe u Kaufinge Strabe żewġ toroq mimlija stabilimenti u ħwienet mill-isbaħ. Naraw ukoll Max Joseph Platz Opera House... Wara nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Wallis** 3 Stars li tinsab fiċ-ċentru tal-belt.

### Il-Ħamis 28 ta' Marzu

Eskursjoni mimlija storja, flimkien inżuru l-belt famuża ta' **Salzburg**. Kif jaf kulħadd din il-belt mhux biss hija belt storika u sabiħa, imma hija famuża wkoll għar-rabta li għandha mal-famuż film mużikali Sound of Music. Għalhekk naraw il-katidral, Residence Square, Market Square, Getreidegasse u d- dar ta' Mozart. Immorru anki fil-Capital Square minn fejn nistgħu nieħdu l-funikular (ħlas extra) għall-fortizza ta' Hohensalzburg. Naraw ukoll il-Watchtower u r-Rainer Museum fejn anki insibu kollezzjoni t'armi medjevali. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

### Il-Ġimgħa 29 ta' Marzu

Skopri l-ġmiel ta' **Neuschwanstein Castle**, il-kastell ta' Re Ludwig li hu mibni fuq stil neo romanesk u li hu ta' fama mondjali. Immorru wkoll fuq **Marian Bridge** mnejn nistgħu nieħdu r-ritratti tal-kastell. Inżuru wkoll ' **Hohenschwangau Castle'** u jkollna l-opportunita li nidħlu u ngawdu l-ġmiel li joffri dan il-kastell (entratura extra). Wara nżuru l-villaġġ ta' **Fussen**, riżort għal btala u spa popolari mmens, barra milli jinsab ukoll fil- foothills tal- Alpi. Ħawn nagħmlu dawra maċ- ċentru storiku.

### Is-Sibt 30 ta' Marzu

Breakfast u wara jkollna **Munich** city walking tour mal-gwida tal-lokal fejn naraw il-pjazza ċentrali **Marianplatz**, iddominata mill-koppli ta' **Frauenkirche**, knisja tas-seklu ħmistax, Max Joseph platz, **Opera House**. Naraw il-famuż arloġġ **Glockenspiel** mall-faċċata ta' **Neues Rathaus** li jinsab fl-istess pjazza. **Karlsplatz** bil-famuża funtana u t-toroq mimlija ħwienet sbieħ. Wara ħin liberu biex tkomplu taraw din il-belt hekk sabiħa u ħin għal shopping. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

### Il-Ħadd 31 ta' Marzu

Wara l-kolazzjoni għandna għalikom eskursjoni għal **Garmisch-Partenkirchen**, skiing riżort Ġermaniż. Ġewwa dan ir-riżort famuż saru l-Olimpijadi tax-Xitwa fl-1936. Minn hawn imbagħad inkomplu triqitna lejn i**z-Zugspitze**, fejn naqbdu cogwheel (extra) biex nitilgħu fuq din il-muntanja, li hi wkoll l-ogħla muntanja fil-Ġermanja (10,000 pied). Hawn naraw xenarju li żgur ma jintesiex, lag spettakolari ġewwa l-Bavarja. Nirritornaw lura l-lukanda.

### It-Tnejn 01 t'April

Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Berchtesgaden u Konigsee**, nibdew il-vjaġġ tagħna lejn Berchtesgaden fejn ser ikollna l-opportunita' li nżuru l-famużi Salt Mines (ent. fee extra). Inkomplu l-vjaġġ tagħna fost xenarju mill-isbaħ sa ma naslu Lake Konigsee li hu l-iżjed lag fond u nadif ġewwa l-Ġermanja, dan il-lag qisu xi fjord Norveġiż. Min irid jista' jmur dawra bil-boat madwar il-lag (boat extra), ikollna ħin għal xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura l-hotel għaċ-ċena.

### It-Tlieta 02 t'April

Breakfast Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal- belt sabiħa ta' **Kufstein** li tinsab fl-Austria fir-reġiun tat-Tyrol border mal Bavaria. Jkollna dawra sabieħa ma din il belt u ma jonqoss li nzuru il-fortizza li hija il- 'landmark' tal belt. Ħin liberu u wara nkomplu lejn Rosenheim - belt fil-Bavarja,. Mal-wasla tagħna f'din il-belt ikollna dawra biex naraw l-aktar postijiet ta' interess bħal Max Josef Platz, Kirche St Nikolaus, Ludwigplatz, il-katidral u oħrajn. Wara jkollna ħin liberu għal personal sightseeing. Fit-15:15 transfer lejn l-ajruport ta' Munich għat- titjira KM309 li titlaq fis-19:00 u tasal lura Malta fid-21:20.

